# 49. Bomblu Għana

Issa xħin bil-minġel f'idu
jiġbor ġidu
Ġunju jiġri ma' l-egħlieqi,
jew fil-qiegħa,
kollha dija,
bil-kappell tat-tiben f'rasu,
issa jidres, issa jderri minn fil-għodu sa fl-għaxija,
ejja mmorru, ejja mmorru
fejn ix-xemx ma tilħaqniex,
ejja mmorru, ejja mmorru,
fejn in-nies ma taraniex;
ejja mmorru, Ħlewwa tiegħi,
Għaxqa tiegħi,
ġewwa l-wied ta' sliem u ħdura
fejn qed tgħammar ir-Rebbiegħa
għal żmien twil
dlonk tistenna lil April!

Ejja mmorru
magħna nġorru
bomblu mdaqqas
nimlewh bl-għana:
nimlewh bl-ghħana tan-nixxiegħa
bnina u safja daqs id-dija,
u tal-qasab mewġa mewġa
żifna waħda ġewwa l-fewġa,
tal-ħarrub u taż-żebbuġ,
u tal-virgi u tal-għasluġ,
ta' l-agħsafar hemm moħbija,
nimlewh bl-għana tar-Rebbiegħa!

Nimlewh bl-għana sa ma jfur
kollu boqoq ma' l-ixfar;
u nixorbu,
u nixorbu,
u nifirħu t-tnejn flimkien,
ngħannu l-għanja
ta' l-imħabba
li torbotna t-tnejn flimkien
ġewwa l-wied li bih naħilfu illi bih ma ngħidu 'l ħadd
u la issa, u la għada, jew pitgħada, u lanqas qatt!